A.L. 204 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2005 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 ta' l-2004, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2003 'il quddiem.

Emenda għar-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 30 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"30. It-taqsimiet-studju li jiġu mgħallma u vvalutati f'semestru wieħed normalment għandhom jingħatawlhom mhux anqas minn 4 kredti (ħlief it-

taqsimiet-studju indikati bħala fakultattivi, li jistgħu jingħatawlhom 2 kredti) u mhux aktar minn 30 kredtu."

Emenda għar-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali

4. Minflok ir-regolament 47 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"47. F'kull sena akkademika, l-istudenti għandhom jikkwalifikaw biex jiġu vvalutati mill-ġdid biss f'dawk it-taqsimiet-studju li ma jkollhomx aktar minn 16-il kredtu, barra meta l-istudenti jeħlu f'taqsima-studju waħda biss li waħedha jkollha aktar minn 16-il kredtu, jew f'żewġ taqsimiet-studju li flimkien għandhom aktar minn 16-il kredtu iżda mhux aktar minn 20 kredtu."

Emenda għar-regolament 54 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok l-ewwel sezzjoni tar-regolament 54 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"54. L-istudenti li wara s-sessjoni riparatorja jkunu jeħtieġu mhux aktar minn 10 kredti biex itemmu l-Programm tal-Kors tas-sena b'suċċess, kulmeta jkun possibbli u wara li jieħdu l-parir akkademiku tad-Dekan u/jew il-Kap tad-Dipartiment konċernat, għandha tingħatalhom mill-Bord l-għażla li:"

Emenda għar-regolament 63 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok ir-regolament 63 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"63. L-istudenti li, wara s-sessjoni tal-valutazzjoni riparatorja xorta jkun jonqoshom aktar minn 10 kredti biex jissodisfaw dak li hu mitlub fil-Programm tal-Kors tagħhom għal dik is-sena partikulari, għandhom jiġu mitluba jirrepetu s-sena jekk ikunu jikkwalifikaw skond dawn ir-regolamenti inkella, jekk ma jkunux jikkwalifikaw biex jirrepetu s-sena, iħallu l-kors."

Emenda għar-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok ir-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"66. L-istudenti li, wara s-sessjoni riparatorja ta' l-eżamijiet ta' l-aħħar sena tal-kors tagħhom, ikun jonqoshom biss li jtemmu b'suċċess taqsima-studju waħda (normalment teżi, esej twil jew proġett) li tkun tiswa aktar minn 10 kredti biex itemmu l-kors b'suċċess għandha tingħatalhom sena studju extra biex fiha jispiċċaw it-taqsima-studju li jkun jonqoshom."

Numerazzjoni mill-ġdid tar-regolament 74

8. Ir-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala r-regolament 74(1).

Żieda mar-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali

9. Il-paragrafu (2) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (1) tar-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali:

"(2) L-Universita' tista' titlob mingħand l-istudenti ~ertifikat ta' Kondotta Tajba tal-Pulizija."